16 ta' April, 1956

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B. Litt., LL.D.

Emmanuele Bezzina *versus* Paolo Attard ne.

**Riżerva — Eredità Ġjaċenti — Kuratur — Aċċettazzjoni tal-Eredità — Illeġittimità tal-Persuna — Liberazzjoni "ab observantia" — Spejjeż Ġudizzjarji**

*L-azzjoni għall-likwidazzjoni u ħlas ta' riżerva spettanti lil tifel illeġittimu, li tiġi proposta kontra kuratur biex jirrappreżenta l-eredità ġjaċenti tal-persuna li fuq il-wirt tagħha tintalab dik ir-riżerva, hija proposta ħażin jekk l-eredità kienet ġa ġiet aċċettata qabel ma ġiet proposta l-istanza. Dik l-azzjoni messha saret kontra l-persuni li kienu aċċettaw l-eredità.*

*Għaldaqstant, dak il-kuratur hekk nominat mhuwiex persuna leġittima biex jikkontesta dik l-azzjoni; u għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.*

*Imma jekk l-attur aġixxa ħażin, meta kien jaf li l-eredità kienet ġa ġiet aċċettata, mil-banda l-oħra l-kuratur, meta ġie notifikat bil-bandu, ma messux aċċetta li jirrappreżenta l-eredità ġjaċenti, imma kien imissu jġib a konjizzjoni tal-Qorti l-fatt li l-eredità kienet aċċettata, biex il-Qorti kienet tkun tista' tagħti l-provvedimenti opportuni biex il-kawża titkompla kontra l-leġittimu kontradittur. U għalhekk ikun il-każ li l-kap tal-ispejjeż jiġi moderat.*

Il-Qorti—Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li biħ l-attur, wara li ppremetta illi huwa hu tifel illeġittimu tal-imsemmi Salvatore Attard; li dan Salvatore Attard kellu tifel ieħor biss leġittimu, jismu Carmelo, li miet ukoll qabel l-istess Salvatore Attard, kif jiġi pruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża; u illi huwa rċieva biss akkont ta' £150 bħala riżervatarju tal-assi tal-imsemmi Salvatore Attard; u illi jirriżulta illi sa issa huwa rċieva anqas minn dak li kellu jieħu skond il-liġi, meħud in konsiderazzjoni l-assi kollu tal-mejjet Salvatore Attard;

talab illi, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, il-konvenut nomine jiġi kundannat *li jiġi għall-likwidazzjoni* tar-riżerva spettanti lilu bħala tifel illeġittimu tal-imsemmi Salvatore Attard; minn liema kwota hekk lilu spettanti għandha tiġi dedotta s-somma ta' £150; taħt dawk il-provvedimenti li soltu jingħataw mill-Qorti f'każijiet simili. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-22 ta' Lulju 1953, kontra l-konvenut, li ġie inġunt biex jidher għas-subizzjoni;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha jallega illi d-domanda tal-attur hi infondata, għaliex l-attur *irċieva minn* għand l-eredi ta' Salvatore Attard is-somma ta' £150 għas-saldu ta' kull dritt u pretensjoni li huwa kellu fuq il-wirt ta' Salvatore Attard, bħala riżervatarju tal-assi tiegħu, skond l-iskrittura li ġiet minnu annessa (Dok. A);

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fit-22 ta' Gunju, 1955, li biha ġiet respinta l-eċċezzjoni tal-konvenut; bl-ispejjeż kontra tiegħu; wara li kkunsidrat;

Illi l-allegazzjoni tal-konvenut, imsemmija fin-nota tal-eċċezzjonijiet, tirriżulta mid-dokument fil-fol. 11 tal-proċess, li hu kopja legali ta' skrittura magħmula fis-17 ta' Marzu, 1945, li biha l-attur iddikjara illi kien irċieva minn għand l-eredi ta' Salvatore Attard is-somma komplessiva ta' £150 a saldu ta' kull dritt u pretensjoni li huwa għandu u jista' jkollu fuq il-wirt ta' Salvatore Attard bħala riżervatarju tal-assi tiegħu; u għalhekk huwa obliga ruħu illi, f'ċertu żmien stabbilit f'dik l-iskrittura, huwa jirrinunzja permezz ta' att publiku favur l-eredi għad-drittijiet li huwa għandu fuq l-assi tal-istess Salvatore Attard;

Illi l-attur jissottometti illi *dik l-iskrittura*, in kwantu biha huwa ddikjara illi rċieva s-somma ta' £150 a saldu ta' kull dritt u pretensjoni tiegħu għar-riżerva fuq imsemmija, hija nulla u ineżistenti għall-finijiet tal-liġi; għaliex iċ-ċessjoni ta' drittijiet u pretensjonijiet fuq immobili ma tistax issir ħlief b'att publiku, u qatt b'sempliċi skrittura privata;

Illi s-sottomissjoni tal-attur tidher ġustifikata. Ir-ri-

żerva hija porzjoni ta' beni, hija dritt reali, u mhux sempliċi dritt ta' kreditu kontra l-werrieta. Ir-riżerva għandha tiġi soddisfatta b'beni in natura, u l-werrieta ma jistgħux jissodisfaw ir-riżerva b'rendita jew bi ħlas ta' somma ta' flus (Vol. XXXII-II-380). Il-konvenut jallega illi b'dik l-iskrittura l-attur ċeda, jew irrinunzja għad-drittijiet tiegħu għar-riżerva bil-ħlas ta' £150. Imma ċ-ċessjoni ta' jeddijiet ta' wirt ma tiswiex jekk ma ssirx b'att publiku (art. 1552(2) Kap. 23). Barra minn dan, ir-riżerva, bħal leġittima jew sehem ieħor ta' ħwejjeġ ta' wirt, hi immobili mħabba l-ħaġa li għandha x'taqsam magħha (art. 347(d) Kap. 23), u hu evidenti illi għaċ-ċessjoni ta' ħaġa li hi immobili hu meħtieġ l-att publiku, u mhux merament l-iskrittura privata. Wara kollox, dan ġie rikonoxxut mill-partijiet meta saret l-iskrittura fuq imsemmija, li biha l-attur obliga ruħu illi f'ċertu żmien kellu jirrinunzja, favur l-eredi, għad-drittijiet kollha li huwa għandu bħala riżervatarju fuq l-assi ta' Salvatore Attard "permezz ta' att publiku". Din ir-rinunzja għadha ma saretx, u sakemm ma ssirx, l-attur, bid-dikjarazzjoni kollha li huwa għamel, għandu dritt jitlob in kontestazzjoni mal-werrieta jew l-ereditá ġjaċenti ta' Salvatore Attard il-likwidazzjoni tar-riżerva dovuta lilu fil-mod kif trid il-liġi;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut nomine, u rat il-petizzjoni tiegħu, fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi tiġi milqugħa l-eċċezzjoni tiegħu u respinta t-talba ta' l-attur; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat;

*Omissis;*

Rat il-verbal meħud fis-seduta tas-16 ta' Marzu, 1956, mnejn jidher li l-appellant kien jaf minn qabel ma saret din il-kawża li l-ereditá ta' Salvatore Attard ma kienetx ġjaċenti u kienet ġiet aċċettata;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-preżenti azzjoni tinsab proposta kontra kuratur ta' l-ereditá ġjaċenti ta' Salvatore Attard. Dik l-ereditá mhix ġjaċenti, u kienet ġiet aċċettata żmien qabel il-propożizzjoni ta' din l-istanza; u b'dan kienu edotti tant l-attur kemm il-konvenut kuratur, kif jidher mid-dokument

fil-fol. 11 tal-proċess, u mill-verbal fuq imsemmi tas-16 ta' Marzu, 1956. Infatti, l-attur ma setgħax ma kienx jaf b'dik l-aċċettazzjoni meta fis-17 ta' Marzu, 1945 irċieva minn għand Paolo Attard, paganti għan-nom tiegħu u tal-werrieta l-oħra ta' Salvatore Attard, is-somma ta' £150 għas-saldu ta' kull dritt u pretensjoni tiegħu fuq il-wirt ta' l-istess Salvatore Attard. Min-naħa l-oħra, il-kuratur Paolo Attard huwa l-istess bniedem li deher fuq l-imsemmija skrittura, u bħala eredi ta' Salvatore Attard, għan-nom tiegħu u tal-werrieta l-oħra, ħallas dik is-somma ta' £150 lill-attur; u għalhekk kien pjenament edott bl-aċċettazzjoni ta' l-eredità ta' Salvatore Attard, u ma setgħax qatt jiddubita li kienet għadha ġjaċenti;

**Ikkunsidrat;**

Illi, in vista ta' dak li ġie rilevat fil-paragrafu preċedenti, dan il-ġudizzju messu ġie istitwit kontra l-werrieta ta' Salvatore Attard, u mhux kontra l-eredita' ġjaċenti tiegħu. Konsegwentement, il-kuratur ta' din l-eredita' ma kienx il-persuna leġittima li kontra tagħha messha saret din il-kawża, u għalhekk il-proċediment kollu jinsab dirett ħażin, billi magħmul kontra persuna li mhix il-kontradittur leġittimu;

**Ikkunsidrat;**

Illi hemm lok għall-infraskritt temperament fil-kap talispejjeż, għaliex iż-żewġ kontendenti ikkontribwew f'miżura kważi ndaqs għall-liberazzjoni komminata b'dina d-deċiżjoni. Infatti, l-attur ma messu qatt iddiriġa t-talba tiegħu kontra l-eredita' ġjaċenti ta' Salvatore Attard, iżda kontra l-werrieta tiegħu; u l-konvenut, meta ġie notifikat bil-bandu għan-nomina ta' kuraturi, ma messux,kif għamel (fol. 8), aċċetta li jirrappreżenta dik l-eredita' ġjaċenti, imma messu bin-nota tiegħu ġieb a konjizzjoni tal-Qorti li l-istess kienet ġiet aċċettata minnu u min oħrajn miegħu, u b'hekk il-Qorti kienet tkun fi grad li tagħti l-provvedimenti opportuni biex il-kawża titkompla kontra l-leġittimi kontradituri;

Għar-raġunijiet fuq miġjuba;

Tiddikjara li l-konvenut kuratur mhux il-kontradittur leġittimu f'din il-kawża, u konsegwentement tilliberaħ mill-osservanza tal-ġudizzju. U biss f'dan is-sens tilqa' l-appell

tal-istess konvenut nomine, u tirrevoka s-sentenza appellata; u tordna li l-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi ma jiġux taxxati bejn il-kontendenti; iżda d-dritt tar-Reġistru jitħallas bin-nofs bejniethom.